MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Numru 887/2009

PULIZIJA
SPETTUR JAMES GRECH
VS
CHARLES SAMMUT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charles Sammut ta’ 41 sena, iben Romeo u Margaret nee’ Caruana, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Novembru 1967, residenti Flt. 6 Bellaggio Apts. Blk.B, Triq San Guzepp, Pieta’ u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 491167(M);

Illi huwa akkuzat talli nhar is-26 ta’ Awissu 2009 u jiem qabel f’hinijiet diversi f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnhom li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda;

1) Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;
2) Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;
3) U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement, ghamel uzu ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema;
4) Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq;
5) U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalieh innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, applika fuq oggetti jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
6) U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalieh innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera’, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ *trademark* registrata;
7) U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bhala bejjiegh fit-toroq, iggestixxa attivita attivita kummercjali fiz-zona ta’ Bieb il-Belt Valletta;
8) U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien ghamel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel

dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-Ligi;
9) U aktar talli fis-26 ta' Awissu 2009 zamm vettura bil-mutur bin-numru BRI 353 fit-triq, anki jekk ipparkjata jew qed tintuza, minghajr licenza mgedda ghas-sena kurrenti;
10) U aktar talli fl-istess perijodu u cirkostanzi saq jew halla li tinstaq vettura bin-numru BRI 353 li ghandha l-brejkijiet, il-molol jew xi bicca ohra mekkanika essenzjali difettuza, li mhix tajba, perikoluza ghall-pubbliku, b'mod li aktarx tista' taghmel hsara lill-proprjeta' pubblika, jew xort'ohra;
11) U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi kiser kundizzjoni moghtija lilu nhar it-2 ta' Gunju 2009 mill-Qorti tal-Magistrati Malta kif preseduta mill-Magistrat Dr. T. Micallef Trigona LL.D.;
12) Kif ukoll talli b'hekk sirt recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 7 ta' Frar 2007 u 6 ta' Gunju 2007, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
13) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. fil-11 ta' Mejju 2009, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta' 1000 Euro u garanzija personali ta' 3000 Euro fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali (fol.55) u dak ta' l-imputat (fol.9);

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-ewwel, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-seba sat-tlettax-il akkuza;

Rat il-Verbal tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza fejn qabblu illi t-tieni u s-sitt akkuza huma alternattivi ghall-ewwel u l-

hames akkuza u li l-ghaxar akkuza hija ta’ natura kontravenzjonali;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni fuq indikata wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat, Charles Sammut, hati ta’ l-ewwel, it-tielet, ir-raba, il-hames akkuza u s-sebgha sat-tlettax-il akkuza, mhux hati tat-tieni u tas-sitt akkuza illi huma alternattivi ghall-ewwel u l-hames akkuza rispettivament, li minnhom tilliberah, b’assorbiment ai fini ta’ piena tat-tielet, ir-raba’ u l-hames akkuza fl-ewwel akkuza, u wara li rat l-Artikoli 298 (1)(a)(b)(c)(f), 49, 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 72(1)(a)(b) tal-Kap.416 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 30(1)(e) ta’ l-Avviz Legali Numru 1 tat-2006 u Avviz Legali 476 tat-2004 u Artikolu 93 ta’ L.S. 65.11, tikkundanna lill-imputat ghal rigward ta’ l-ewwel hames akkuzi ghal multa ta’ hames mitt euro (500 Euro) li ghandha tigi mhallsa b’rati mensili fi zmien sitt xhur u tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti ezebiti illi rrizultaw illi kienu *non-compliant*. Illi ghal rigward ta’ l-akkuzi sebgha sa tlettax, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal zmien sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------